# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 13 ta' Frar 2001**

**Numru 91**

**Citaz. numru 229/78 DS**

Francis Sammut
vs
Edward Cassar u b'digriet tal-11 ta' Ottubru 1993 l-Avukat Dottor John Mizzi u l-Prokuratur Legali Paul Saliba gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Edward Cassar

Illum, 13 ta' Frar 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-28 ta' Frar 1978 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi l-attur xtara minghand il-konvenut Land Rover numru tar-registrazzjoni 8315 bil-prezz ta' seba mija u hamsa u ghaoxrin lira Maltija (Lm725), u dan permezz ta' skrittura tat-13 ta' Dicembru 1976 li kopja taghha tinsab hawn annessa u markata Dok. A.

Illi l-attur hallas il-prezz kollu tal-vettura kif jirrizulta mill-annessa kopja ta' ircevuta tat-22 ta' Jannar 1977, markata Dok. B.

Illi fl-istess skrittura l-konvenut accetta illi kwalunkwe difett jew hsara ghandhom ikunu ghas-spejjes tieghu

Illi irrizultaw diversi hsarat u kellhom isiru tiswijiet li swew mitejn u sitta w ghoxrin lira Maltija u tmien centezmi (Lm226.08), kif jigi pruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza;

Illi barra minn dan l-attur ma setax juza l-imsemmija Land Rover ghal tlett mija u tlettax il-gurnata (313) minhabba l-istess difetti;

Illi ghalkemm interpellat il-konvenut baqa' inadempjenti;

talab lil din il-Qorti:

1. tikkundanna lill-konvenut jhallas is-somma ta' mitejn u sitta w ghoxrin lira Maltija u tmien centezmi (Lm226.08) spejjes li saru fl-imsemmija vettura;
2. tikkundanna lill-konvenut ihallas dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti ghall-"Loss of Use" ta' l-imsemmija Land Rover, u dan okkorrendo permezz ta' periti nominandi;

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Ottubru 1977 li minn issa jinsab ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

Illi d-domandi tal-attur huma nfondati fid-dritt u fil-fatt billi l-eccipjent ikkonsenja lil-attur vettura tajba, b'magna li ghazel l-attur wara li gab mechanic jispezzjonaha, u l-istess makna ma tat ebda fastidju ghal zmien twil wara l-bejgh avvolja l-eccipjent ma ta ebda garanzija.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet tat-30 ta' Mejju 1978 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Aldo Vella bhala perit legali sabiex ifittex u jirrelata dwar it-talba ta' l-attur wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz, u dan bl-assistenza tal-perit tekniku John N. Cassar;

Rat id-digriet tas-26 ta' Mejju 1981 li permezz tieghu ghall-perit legali msemmi gie sostitwit l-Avukat Dottor Anthony Rutter Giappone;

Rat id-digriet tal-21 ta' Marzu 1988 li permezz tieghu ghall-imsemmi perit legali gie sostitwit l-Avukat Dottor Alex Perici Calascione;

Rat il-verbal tas-26 ta' Gunju 1992 fejn l-Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace ddikjara li ghandu informazzjoni li l-konvenut siefer ghal kollox;

Rat ir-rikors ta' l-attur tal-25 ta' Awissu 1993 fejn talab in-nomina ta' kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-konvenut fl-atti ta' din il-kawza u fl-atti l-ohra kollha konnessi u sussegwenti, kif ukoll rat id-digriet tal-11 ta' Ottubru 1993 li permezz tieghu gew nominati bhala kuraturi deputati l-Avukat Dottor John Mizzi u l-Prokuratur Legali Paul Saliba;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet minnhom ipprezentata fejn qalu:

1. Illi prezentement huma mhux f'pozizzjoni li jikkontestaw it-talbiet attrici, peress li mhux edotti mill-fatti, fil-waqt li jirrizervaw li jipprezentaw eccezzjonijiet fi stadju ulterjuri meta jkunu edotti mill-fatti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tat-23 ta' Settembru 1998 li permezz tieghu ghall-ahhar perit legali nominat gie sostitwit l-Avukat Dottor Ramon Rossignaud;

Rat li l-imsemmi Avukat Dottor Ramon Rossignaud ma kienx ha konjizzjoni tal-kaz u ghalhekk ordnat li l-Avukat Dottor Alex Perici Calascione jirritorna l-atti kollha fil-pussess tieghu (haga li naqas li jaghmel izda l-attur esebixxa kopji tal-verbali tas-seduti mizmuma);

Rat li wara ezami ta' l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti setghet tghaddi ghas-sentenza;

Ikkunsidrat illi:-

Mill-provi jirrizulta li l-attur xtara Land Rover minghand il-konvenut bil-prezz ta' Lm725 u skond skrittura datata 13 ta' Settembru 1976 li kopja taghha l-attur esebixxa mac-citazzjoni, il-konvenut iddikjara li kienet qed tinbiegh **"in perfect condition"**. Barra minn hekk fl-istess skrittura l-konvenut iddikjara li "anything which needs changing or repairing is to be at my own expense. The engine which is at present fitted on this Land Rover is to be changed and provided by me with a modern Perkins P4 at my own expense." L-attur kellu jaghmel il-pagament finali meta l-vettura

tkun “to his utmost satisfaction”. In effetti jirrizulta *ex admissis* mill-attur li huwa hallas il-prezz kollu miftiehem.

Nonostante cio` l-attur qieghed isostni li rrizultaw diversi difetti li ghalihom kellu jaghmel spejjez fl-ammont ta’ Lm226.08 minbarra li ma setax juza l-istess vettura ghal 313-il gurnata u ghalhekk qed jippretendi wkoll kumpens ghal *loss of use*.

Il-konvenut sostna fid-dikjarazzjoni tieghu li huwa kkonsenja lill-attur vettura tajba b’magna li ghazel l-attur stess flimkien ma’ *mechanic*, u l-konvenut bidlilha bronzini u *rings* kif xtaq l-attur. It-*transfer* sar f’Dicembru 1976 u wara hafna xhur l-attur beda jilmenta ghall-avolja dak li xtara kien sekonda man.

F’din il-kawza xehdu biss l-attur u l-*mechanic* Carmelo Borg.

L-attur xehed l-ewwel darba fit-22 ta’ Marzu 1994 quddiem il-perit legali l-Avukat Dottor Alex Perici Calascione u rega’ xehed fis-7 ta’ Marzu 1996 quddiem l-assistenta gudizzjarja Dr. Mariella Gonzi. L-attur ikkonferma d-dikjarazzjoni tieghu annessa mac-citazzjoni u spjega li kien xtara l-Land Rover sabiex juzaha ghall-irmonk u difatti wara li xtraha ffittjalha *jib* u beda juzaha. Il-konvenut issostitwixxa l-magna kif kien ipprometta fl-iskrittura u din twahhlet mill-*mechanic* (Carmelo Borg) izda kellu jerga’ jaqlaghha ghax sabilha xi difetti fis-*cylinder lines*. Minhabba dawn id-difetti l-attur dam 313-il gurnata ma jistax juza l-Land Rover.

Carmelo Borg ikkonferma li kien hadem fuq Land Rover li kien hadlu l-attur. L-ewwel darba biddel il-*pistons* u *sleeves* u l-*gaskets* u xi affarijiet ohra mbaghad, wara li bdiet thallat l-ilma maz-zejt, bidlilha l-magna izda kienet ilha ghandu ‘l fuq minn sitt xhur qabel ma hadlu l-magna persuna li ma jafx min kienet izda li sa fejn jiftakar kien bghatha l-attur. Il-kont tieghu thallas mill-attur ghalkemm ma setax jiftakar kemm kien. Qabel ma biddel il-magna, il-vettura ma kenitx f’kondizzjoni li tinsaq.

Ghalkemm m’hemmx dubju li l-Land Rover kienet sekonda man, l-iskrittura li giet iffirmata ma thalli l-ebda dubju li suppost kienet f’kondizzjoni perfetta. Jidher li biex tkun ukoll assigurata tali kondizzjoni, il-konvenut accetta li jissupplixxi magna moderna minflok dik li kellha. Sahansitra accetta li jinbidel jew jissewwa dak kollu mehtieg a spejjez tieghu. L-attur qieghed ivanta certi pretensjonijiet nonostante li huwa hallas il-prezz kollu lill-konvenut li jindika li kien hemm stadju meta huwa kien soddisfatt bil-vettura peress li l-iskrittura msemmija kienet tispecifika li l-ahhar pagament isir meta l-vettura tkun “to his

utmost satisfaction". Pero` l-konvenut issupplixxa magna (kif kien miftiehem) u jekk din il-magna kienet difettuza u d-difetti hargu wara li bdiet tintuza l-Land Rover, certament ma jistax jinghad li l-vettura kienet f'kondizzjoni perfetta. Ghalhekk il-konvenut irid jaghmel tajjeb ghall-ispejjez u danni li seta' sofra l-attur.

Dwar is-somma ta' Lm226.08 li l-attur ikkonferma bil-gurament tieghu li hallas lill-*mechanic*, huwa veru li ma esebiex rcevuta, izda apparti li ma giex kontradett, mix-xiehda ta' Carmelo Borg jirrizulta li l-attur hallsu ta' l-ispejjez u ta' xoghlu. Ghalhekk din it-talba se tigi milqugha.

Dwar id-danni pretizi, l-attur xehed li l-uniku skop li ghalih huwa akkwista l-Land Rover kien ghat-*towing* peress li f'dan ix-xoghol kien hemm biss hu u hutu bhala Francis Garage u kumpanija ohra. Ghalhekk billi ma setghetx tintuza din il-Land Rover, ix-xoghol tat-*towing* kien imwaqqaf ghal aktar minn 44 gimgha. Huwa qal li kienu jaghmlu aktar minn 21 *towing* fil-gimgha fl-1977 u jikkalkula telf ta' aktar minn Lm1000 fil-gimgha minn dak ix-xoghol. Indika li r-rata kienet ta' bejn Lm35 u Lm45 kull *towing*. Huwa kkalkola telf ta' madwar Lm44,000 peress li x-xoghol kellu jigi mghoddi lill-kumpanija kompetitrici tieghu. L-attur ma spjegax x'mizuri ha, jekk ha, biex jimminimizza kemm jista' d-danni. Certament ma tistax titqies spjegazzjoni dak li xehed fis-7 ta' Marzu 1996 li "(d)omt daqshekk peress li qatt ma kont bsart li din il-kwistjoni kienet se titwal ghal dawn il-gimghat kollha"(!). Possibbli li ma setax jakkwista magna minn x'imkien iehor minflok joqghod jistenna lill-konvenut jipprovdilu magna tajba? Huwa minnu li fil-perijodu in kwistjoni n-negozju tat-*towing* kien ghadu jibda u li, kif qal l-attur u mhux kontradett, hu u hutu kienu "bnew reputazzjoni tajba"; huwa zied ighid ukoll li "l-klijenti kienu lesti biex ihallsu hafna ghal dan is-servizz specjali ghax kienu jafu li kienu se jiffrankawhom mill-ispare parts". Ghalhekk aktar u aktar kien imissu assigura ruhu li f'kaz ta' hsara fil-vettura li kien xtara jkollu l-mezz li tissewwa fl-iqsar zmien possibbli. Il-Qorti ghalhekk filwaqt li jidhrilha li t-talba ta' l-attur biex id-danni jigu likwidati fis-somma ta' Lm44,000 hija eccessiva, wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz qed tillikwida d-danni *arbitrio boni viri* fis-somma ta' Lm10,000.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

(1) tikkundanna lill-konvenut kif rapprezentat ihallas lill-attur is-somma ta' Lm226.08 spejjez li saru fuq il-vettura msemmija, u

(2) tikkundanna lill-konvenut kif rapprezentat ihallas lill-attur is-somma likwidata ta’ Lm10,000 ghal *loss of use* ta’ l-istess vettura bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut kif rapprezentat.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur